Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16239/26

EF 303
ECOFIN 1512
DELACT 177

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 7806 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.11.2026 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052 fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-programmi ta’ riakkwist u l-miżuri ta’ stabbilizzazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 7806 final.

Mehmuż: C(2026) 7806 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.11.2026
C(2026) 7806 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.11.2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052 fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-programmi ta' riakkwist u l-miżuri ta' stabbilizzazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-"Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq", jew l-"MAR")[1] għandu l-għan li jiżgura l-integrità tas-suq u jipproteġi lill-investituri billi jipprojbixxi l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, u l-manipulazzjoni tas-suq fis-swieq finanzjarji Ewropej. Huwa jfittex ukoll li jtejjeb it-trasparenza u joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha fis-suq.

L-MAR ġie emendat l-aktar reċenti bir-Regolament (UE) 2024/2809 (l-"Att dwar il-Kwotazzjonijiet")[2], li emenda wkoll ir-Regolamenti (UE) 2017/1129 (ir-Regolament dwar il-Prospett) u (UE) Nru 600/2014 (ir-Regolament dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji). L-Att dwar il-Kwotazzjonijiet tfassal biex itejjeb l-aċċess għas-swieq kapitali pubbliċi għall-kumpaniji tal-UE, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, billi jnaqqas il-piżijiet amministrattivi assoċjati mal-kwotazzjonijiet filwaqt li jissalvagwardja l-integrità tas-suq.

L-Artikolu 5 tal-MAR jipprovdi eżenzjoni kundizzjonali mill-projbizzjonijiet fuq l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 14 tal-MAR) u fuq il-manipulazzjoni tas-suq (l-Artikolu 15 tal-MAR) għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist u għal tranżazzjonijiet imwettqa għal finijiet ta' stabbilizzazzjoni. L-Att dwar il-Kwotazzjonijiet emenda l-Artikolu 5 tal-MAR biex jissimplifika l-kundizzjonijiet applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' riakkwist fir-rigward tar-rapportar tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti u d-divulgazzjoni pubblika sussegwenti tagħhom. Dawn l-emendi issa jridu jiġu riflessi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052[3], li jispeċifika aktar il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-MAR.

Dan ir-Regolament Delegat jemenda wkoll ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1052 biex

– ikun possibbli r-rapportar ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist f'forma aggregata biss;

– jallinja r-reġim ta' żvelar u rapportar għall-miżuri ta' stabbilizzazzjoni ma' dak applikabbli għall-programmi ta' riakkwist, peress li t-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni huma kunċettwalment simili għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist u huma rregolati bl-istess mod mill-Artikolu 5 tal-MAR.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jirrikjedi li l-ESMA twettaq konsultazzjoni pubblika miftuħa u tanalizza l-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati qabel ma tissottometti abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) lill-Kummissjoni, ħlief jekk tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ikunu sproporzjonati ħafna fir-rigward tal-kamp ta'

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1–61, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj).

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052 tat-8 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-kundizzjonijiet applikabbli għal programmi ta' riakkwist u miżuri ta' stabbilizzazzjoni (ĠU L 173, 30.6.2016, p. 34–41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1052/oj).

applikazzjoni u l-impatt tal-abbozz tal-RTS. F'dan il-każ, l-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-RTS li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati biex jiġu introdotti dawn l-istandards, peress li dan tqies sproporzjonat ħafna meta jitqies il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-emendi jirriżultaw direttament minn bidliet fl-Artikolu 5 tal-MAR u l-impatt limitat mistenni tal-emendi fuq il-parteċipanti fis-suq.

L-ESMA bagħtet ir-rapport finali dwar l-RTSs lill-Kummissjoni fi Frar 2026[4]. Meta rrevediet l-abbozz tal-RTS, il-Kummissjoni qieset it-talbiet riċevuti minn xi awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex il-bidliet applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' riakkwist jiġu estiżi għar-reġim għar-rapportar u d-divulgazzjoni pubblika tal-miżuri ta' stabbilizzazzjoni.

L-abbozz tal-RTS ġie ppubblikat fuq il-portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' feedback ta' 4 ġimgħat mill-21 ta' Settembru sad-19 ta' Ottubru 2026, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Il-Kummissjoni rċeviet seba' kummenti, fosthom tlieta mingħand individwi u erbgħa mingħand assoċjazzjonijiet. L-ebda wieħed mill-kummenti riċevuti ma kien jeħtieġ emendi għall-abbozz tal-RTS.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/1052, b'mod aktar speċifiku, emendi:

- fl-Artikolu 2(2), biex jiġi speċifikat li l-emittenti għandhom jirrapportaw tranżazzjonijiet ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità f'forma aggregata;
- fl-Artikolu 2(3), biex jispeċifika, f'konformità mal-emendi għall-Artikolu 5 tal-MAR, li d-divulgazzjoni adegwata tat-tranżazzjonijiet ta' riakkwist tinvolvi rekwiżit li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu ddivulgati f'forma aggregata;
- fl-Artikoli 6(2) u (4), biex jiġu allinjati r-rekwiżiti fir-rigward tad-divulgazzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni ma' dawk għad-divulgazzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist, jiġifieri li jippermettu d-divulgazzjoni u r-rapportar f'forma aggregata u li jippermettu li jiġi rrapportat biss lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għall-istrumenti kkonċernati, b'obbligu għal dik l-awtorità li tgħaddi, fuq talba, l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kull ċentru ta' negozjar li fih dawk l-istrumenti jkunu ġew ammessi għan-negozjar u jiġu nnegozjati.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[4] L-ESMA, *Report on the amendments to Commission Delegated Regulation 2016/1052 on buy-back programmes and stabilisation measures*, https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2026-02/ESMA74-268544963-1569_Report_on_the_amendments_to_Commission_Delegated_Regulation_20161052_on_buy-back_programmes_and_stabilisation_measures.pdf

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.11.2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1052 fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-programmi ta' riakkwist u l-miżuri ta' stabbilizzazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emenda l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 billi jirrikjedi li l-emittenti jirrapportaw tranżazzjonijiet relatati ma' programmi ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti biss tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u mhux lill-awtorità kompetenti ta' kull ċentru ta' negozjar li fih l-ishma jkunu ġew ammessi għan-negozjar jew ikunu nnegozjati, biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Ir-Regolament (UE) 2024/2809 issimplifika wkoll ir-reġim ta' divulgazzjoni għat-tranżazzjonijiet ta' riakkwist billi ppermetta lil emittent jiddivulga lill-pubbliku sempliċiment il-volum aggregat u l-prezz medju peżat għal kull jum u għal kull ċentru ta' negozjar. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1052 jiġi emendat biex ikun allinjat ma' dawk l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

(2) Sabiex jonqos il-piż amministrattiv fuq l-emittenti li jwettqu programm ta' riakkwist, filwaqt li tiġi ppreservata l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jimmonitorjaw l-attività ta' negozjar u li jidentifikaw imġiba suspettuża marbuta mal-eżekuzzjoni ta' programmi ta' riakkwist, jenħtieġ li l-emittenti jirrapportaw it-tranżazzjonijiet relatati ma' programmi ta' riakkwist f'forma aggregata lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għall-ishma, kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(3) Sabiex jonqos il-piż amministrattiv fuq l-emittenti, l-offerenti, u l-entitajiet li jieħdu miżuri ta' stabbilizzazzjoni, u sabiex it-trattament regolatorju tal-miżuri ta' stabbilizzazzjoni jiġi allinjat ma' dak tal-programmi ta' riakkwist, jenħtieġ li tali

[5] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj.

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj).

emittenti, offerenti, jew entitajiet jiżvelaw informazzjoni dwar il-miżuri ta' stabbilizzazzjoni f'forma aggregata. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li tali emittenti, offerenti, jew entitajiet jirrapportaw ukoll tranżazzjonijiet li huma parti minn programm ta' stabbilizzazzjoni f'forma aggregata, u sempliċiment lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għal kull strument ikkonċernat, kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Dik l-awtorità kompetenti jenħtieġ li, fuq talba, tgħaddi dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kull ċentru ta' negozjar li fih it-titoli taħt l-istabbilizzazzjoni u l-istrumenti assoċjati jkunu ġew ammessi għan-negozju u jiġu nnegozjati.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/1052 jiġi emendat kif xieraq.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

(6) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati tal-introduzzjoni ta' tali standards, peress li kieku sar hekk kien ikun sproporzjonat ħafna għall-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt ta' dawk l-istandards, meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħhom u li ma jimponux rekwiżiti addizzjonali fuq il-parteċipanti fis-suq. L-abbozz finali ġie ppubblikat għall-feedback fuq il-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea għal perjodu ta' 4 ġimgħat mill-21 ta' Settembru sad-19 ta' Ottubru 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1052

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1052 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Għall-finijiet tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittent għandu jirrapporta f'forma aggregata t-tranżazzjonijiet relatati mal-programm ta' riakkwist sa mhux aktar tard mit-tmiem tas-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tal-eżekuzzjoni ta' dawk it-tranżazzjonijiet, filwaqt li jindika l-volum aggregat u l-prezz medju ponderat għal kull jum u għal kull ċentru ta' negozjar.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 5(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittent għandu jiżgura l-iżvelar pubbliku f'forma aggregata tan-negozjar imsemmi f'dak l-Artikolu sa mhux aktar tard mit-tmiem tas-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tal-eżekuzzjoni ta' dawk in-negozji, filwaqt li jindika l-volum aggregat u l-prezz medju peżat għal kull jum u għal kull ċentru ta' negozjar. L-emittent għandu wkoll iqiegħed fuq is-sit web tiegħu l-informazzjoni żvelata u jżomm dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għal 5 snin mid-data tal-iżvelar lill-pubbliku.";

(2) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Waqt il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni, il-persuni maħturin skont il-paragrafu 5 għandhom jiżguraw l-iżvelar adegwat lill-pubbliku tat-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni kollha f'forma aggregata sa mhux aktar tard mit-tmiem tas-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-

data tal-eżekuzzjoni ta' dawk it-tranżazzjonijiet, filwaqt li jindikaw il-volum aggregat u l-prezz medju peżat għal kull jum u għal kull ċentru ta' negozjar.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-emittenti, l-offerenti, jew l-entitajiet li jwettqu l-istabbilizzazzjoni, kemm jekk jaġixxu f'isem l-emittent jew l-offerent kif ukoll jekk le, għandhom jinnotifikaw it-tranżazzjonijiet kollha ta' stabbilizzazzjoni mwettqa f'titoli u strumenti assoċjati lill-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014* għal kull wieħed mit-titoli u l-istrumenti kkonċernati.

Dak ir-rapportar għandu jsir f'forma aggregata, li jindika l-volum aggregat u l-prezz medju peżat għal kull jum u għal kull ċentru ta' negozjar.

L-awtorità kompetenti riċeventi għandha, fuq talba, tgħaddi l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kull ċentru ta' negozjar li fih it-titoli u l-istrumenti assoċjati jkunu ġew ammessi għan-negozju u jiġu nnegozjati.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj."

Artikolu 2

Dhul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.11.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN